MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 853/2002/1

**Joseph Borg**

**v.**

**Rita Borg**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta minn sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 8 ta' Gunju 2011. L-appellanti hassitha aggravata mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti.

2. Ghall-ahjar intendiment, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

"**Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Gunju 1983 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal, Claire u Steve, li ghadhom minorenni; li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur ta' mohqrija psikologika, eccessi, sevizzi, minacci u ngurji gravi, b' mod li llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenuta; [2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri f' idejn l-attur; [3] jew taghti lill-attur access ampju ghat-tfal minuri; [4] tordna li l-konvenuta thallas lilu manteniment ghat-tfal minuri; [5] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti; [6] tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-dispost ta' l-artikoli 48 u 50 tal-Kap. 16; [7] tordna sabiex il-konvenuta tivvaka mid-dar matrimonjali, stante li din hija proprjeta' parafernali ta' l-attur, u tawtorizza lill-istess attur sabiex jibqa' jabita fl-istess fond flimkien ma' uliedu; bl-ispejjez;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta cahdet it-talbiet attrici;

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, l-affidavits prezentati u r-rapporti tal-periti teknici u tal-perit legali;

"Rat is-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 1879/01NC fl-ismijiet inversi;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"**Ikkunsidrat;**

“**Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“Min-naha taghha l-konvenuta qed tattribwixxi t-tort tat-tkissir taz-zwieg lill-attur fit-termini ta’ l-artikolu precitat.

“**Fatti**
“Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta’ Gunju 1983 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t’itfal, Claire u Steve, li llum huma maggjorenni. Wara sittax il-sena konvivenza matrimonjali l-partijiet fethu l-proceduri odjerni.

“**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**
“Illi l-Qorti taghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 1879/01NC fl-ismijiet inversi u taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti f’ dik is-sentenza.

“**Decide**
“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
“[1] tilqa’ l-ewwel talba u tiddikijara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenuta;
“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tat-tielet u tar-raba’ talba stante li t-tfal illum saru maggjorenni;
“[3] tilqa’ l-hames talba fis-sens gja deciz, fis-sentenza fuq indikata;
“[4] tichad is-sitt talba;
“[5] tilqa’ is-seba’ talba, u tordna li l-konvenuta tivvaka mill-fond 56 Rosewood, Triq F. Zahra, Birkirkara, fi zmien xahar; u tordna li dan il-fond ma jibqax jitqies aktar bhala l-fond matrimonjali;

“L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.”

**L-appell tal-attrici**

3. Il-konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza sudetta u interponiet l-appell odjern.

4. Il-Qorti tirrileva illi bil-mod li bih gie redatt ir-rikors tal-appell ghamilha xi ftit jew wisq difficli ghaliha tindividwa l-aggravji ta’ dan l-appell. Madankollu din il-Qorti qeghdha tindividwa tlett aggravji u li minn kif giet dedotta t-talba tal-appell jirrizulta li l-appellanti qeghdha tappella fuq kollox apparti fir-rigward tat-titolu tad-dar matrimonjali.

5. In succint l-appellanti hassitha aggravata bis-segwenti:-

I. Bil-fatt illi l-Ewwel Qorti iddipartiet mill-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u akkollatha bit-tort tat-tifrik taz-zwieg;

II. Illi l-attur ipprezenta provi wara li kien hemm digriet li bih inghalqu l-provi tal-partijiet, inkluz *recordings* bejn l-appellanti u l-konsulent legali taghha, liema *recordings* gew ottenuti b’mod illegali u kontra l-etika professjonali, u li l-appellanti tikkontendi li saret taf bihom biss waqt li kien qed jigi ppreparat dan l-appell. Ghalhekk skont l-istess appellanti, l-Ewwel Qorti ma kellhiex taghti piz lil dawn ir-*recordings* fid-decizjoni taghha.

III. L-appellanti tilmenta wkoll mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta’ tort, qasma tal-komunjoni u nuqqas ta’ assenjazzjoni tal-beni dotali u parafernali taghha.

**<u>Ir-risposta tal-attur</u>**

6. L-appellat wiegeb illi l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti kien wiehed tajjeb. Fir-rigward tal-iskartar tal-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali fir-rigward tat-tort tal-partijiet, l-appellat jirrileva illi dan il-Qorti setghet taghmlu ai termini tal-Artikolu 681 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-appellat jghid ukoll li l-Ewwel Qorti rat bir-reqqa l-process kollu, ikkunsidrat il-verzjonijiet taz-zewg nahat u waslet ghal konkluzjoni indipendenti u meqjusa taghha wara li kkonsidrat il-fatti kollha.

7. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellat jirrileva illi fl-ebda mument ma gie kontradett il-kontenut taghhom. Huwa jghid li minkejja dak li ddegretat l-Ewwel Qorti fid-19 ta’ Settembru 2003 dwar l-gheluq tal-provi, permezz ta’ digriet datat 15 ta’ Marzu 2004 hija pprovdiet illi fir-rigward ta’ provi addizzjonali “*tipprovdi dwar l-istess fid-decizjoni finali taghha jekk ikun il-kaz u tordna lill-partijiet jaderixxu ruhhom mad-digriet dwar l-gheluq tal-provi.”* Izjed minn hekk, permezz ta’ digriet datat 20 ta’ Ottubru 2005, l-Ewwel Qorti innominat lill-Perit Legali Dr. Anna Mallia sabiex izzomm zewg seduti ghall-gheluq tal-provi qabel ma tghaddi ghar-rapport, liema digriet jindika b’mod car li l-Ewwel Qorti ma zammitx ma’ l-ordni taghha tad-19 ta’ Settembru 2003. Inoltre l-appellat jirrileva illi l-Ewwel Qorti ma ddependietx fuq xi prova partikolari imma qaghdet fuq l-assjem tal-provi.

8. Dwar it-tielet aggravju, u cioe` dwar l-apprezzament tal-provi mill-gdid minn din il-Qorti, l-appellat jissottometti li m’hemm l-ebda raguni gravi li tista’ twassal lil din il-Qorti biex tiddipartixxi mill-principju li bhala qorti ta’ revizjoni ma ghandhiex tiddistruba l-apprezzament tal-provi maghmul minn qorti ta’ prim’istanza, hlief ghal raguni gravi.

9. Dwar il-kwistjoni tal-fidi tac-cens tad-dar matrimonjali, l-appellat jishaq illi huwa gab prova valida u mhux superficjali, kif allegat mill-appellanti, kif gew il-flus biex infeda l-istess cens. Fir-rigward tal-pretensjoni tal-appellanti illi hija ghandha dritt ghal nofs il-valur tal-akkrexximent fil-proprjeta` konsegwenza tal-fidi tac-cens, l-appellat jaghmel referenza ghall-kawza **Angiolina Galea v. Gerald Galea** (App. Civ. 17.1.2011) fejn pretensjoni simili giet michuda.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>

10. Illi din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza Citazzjoni Numru 1879/01 fl-ismijiet inversi u li titratta l-istess mertu tal-kawza odjerna.

11. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, tat is-sentenza taghha fil-kawza l-ohra, deciza wkoll illum, u, ghalhekk, qed taghmel referenza ghas-sentenza moghtija f'dik il-kawza indikata, u ghal fini ta' din il-kawza tadotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet hemm raggunti.

**Decide**

12. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan l-appell interpost mill-konvenuta Rita Borg billi tichad l-istess u tikkonferma fit-totalita` taghha d-decizjoni tal-Ewwel Qorti.

13. L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk tal-Prim' Istanza jkunu a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------